



Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Brussel, 2 ta' Lulju 2004

ASSEMBLEA PLENARJA

TAT-30 TA' GUNJU U L-1 TA' LULJU 2004

SOMMARJU TA' L-OPINJONIJIET ADOTTATI

**Il-verżjonijiet bit-test sħiħ ta' l-opinjonijiet tal-KESE huma disponibbli fl-
20 lingwa uffiċjali fuq il-*web site* tal-Kumitat f'dan l-indirizz:**

<http://www.esc.eu.int> (Dokumenti)

1. POLITIKA EKONOMIKA U KOEŻJONI SOĊJALI

- ***It-tielet rapport dwar il-Koeżjoni Ekonomika u So***

- **Rapporteur** : Is-Sur BARROS VALE (Grupp ta' Min Iħaddem – PT)

- **Referenzi**: COM(2004) 107 final – CESE

- **Punti ewlenin** :

Il-KESE jirrimarka t-tħassib li minkejja evoluzzjoni pożittiva, għad hemm differenzi regionali f' termini ta' żvilupp ekonomiku u soċjali.

Jidher li hemm bżonn li l-ekonomija Ewropea tiffoka fuq l-attivitajiet ibbażati fuq l-għarfien, l-innovazzjoni u t-teknoloġiji l-ġodda ta' l-informazzjoni u l-komunikazzjoni, biex l-ekonomija Ewropea ssir aktar kompetittiva u ttejjeb il-livell ta' l-impjiegi u tal-għajxien.

Il-KESE jaqbel mal-pjan tal-politika ta' koeżjoni ta' l'UE għal wara l-2006, kif ukoll għal-limitu tan-numru ta' strumenti finanzjarji użati mill-politika ta' koeżjoni u tal-prinċipju ta' tnaqqis tan-numru vast ta' għanijiet kif ukoll ta' strumenti finanzjarji marbuta magħhom.

Il-KESE jinsisti dwar il-ħtieġa tal-parteċipazzjoni ta' l-imsieħba fil-Kumitati ta' segwitu ssir obbligatorja u tkun valorizzata permezz ta' l-għotja ta' dritt tal-vot.

Il-Kumitat fl-aħħarnett jilqa' b'mod favorevoli l-għan tal-Kummissjoni li twaqqaf, fil-qafas tal-konverġenza, mekkaniżmu speċifiku bl-għan li jagħti kumpens għal min jintlaqat ħażin fost reġjuni ultra-periferiċi, kif ukoll dawk li għandhom diffikultajiet strutturali permanenti.

- **Kuntatt**: Is-Sur. Roberto Pietrasanta

(Tel. : 00 32 2 546 93 13 – e-mail : roberto.pietrasanta@esc.eu.int)

- ***Bidliet Industrijali u Koeżjoni***

- **Rapporteur** : Is-Sur LEIRIAO (Attivitajiet Differenti – PT)

- **Korapporteur** : Is-Sur CUÉ (delegat – BE)

- **Referenzi** : Opinjoni fuq inizjattiva tiegħu stess – KESE

- **Punti Ewlenin**:

L-għan ta' din l-opinjoni huwa li jiġi vverifikat jekk l-istrumenti għat-tkattir tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali humiex tajbin u jekk il-qafas tal-kondizzjonijiet humiex favorevoli

jew le għall-kumpanniji, biex tkun tista' ssir il-bidla industrijali b'mod li tkun kompatibbli mal-kriterji tal-kompetittività tal-kumpanniji.

Fit-taqsima tal-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet ġew stabbiliti sbatax-il punt; dawn kollha jippuntaw lejn il-ħtieġa biex ikun hemm titjib f'termini ta' politika, fl-istrumenti, fil-kriterji biex tkun stabbilita l-eliġibbiltà tar-reġjuni għall-fondi tal-Komunità, fl-implimentazzjoni ta' prattiċi tajbin, u fit-tiftix għal sinerġiji bejn il-politika u l-istrumenti, kif ukoll il-koordinament ġenerali biex ikunu mħaddma l-istrateġiji strutturali ta' l-UE, bħalma huma l-Istrateġija ta' Lisbona, ir-Riformi Strutturali u l-Iżvilupp Sostenibbli.

Il-ħsieb wara dan huwa bbażat fuq l-ideat li ġejjin; dawn huma stabbiliti wara xulxin u jipprovdu t-temi ewlenin li jidhru fl-opinjoni kollha:

- l-iżvilupp regionali bħala fattur li jirregola l-globalizzazzjoni, bil-ħolqien ta' gruppi ta' reġjuni, bħala mod effettiv biex kumpanniji jiġu mħajra lejn żona partikolari u biex jinkuraggjhom jibqgħu hemm;
- ir-responsabbiltà soċjali konġunta u t-tħaddim ta' "prattiċi tajbin" bħala parti minn avviċinament li jinvolvi miżuri ta' prevenzjoni u oħrajn biex tkun antiċipata u mħaddma l-bidla;
- in-negozjati u d-djalogu soċjali fil-kumpanniji biex ikun żgurat li r-ristrutturar isir b'mod li jkun soċjalment responsabbli, bi tmexxija tal-kumpannija u ħaddiema li jaddottaw attitudni pożittiva lejn it-tiftix ta' soluzzjonijiet li jkunu jidhru tajbin mill-kumpannija, il-ħaddiema u l-komunità, biex b'hekk ikun hemm bilanċ bejn l-aspetti soċjali u dawk ekonomiċi;
- azzjoni fis-sħubija bejn in-negozjanti, l-imsieħba soċjali, is-soċjetà ċivili (universitajiet, ċentri ta' riċerka u innovazzjoni, għaqdiet, eċċ.) u l-awtoritajiet lokali, biex jinħolqu l-kondizzjonijiet tajbin għat-tkabbir tal-produttività u għat-titjib tal-potenzjal tat-tkabbir ta' bejn ir-reġjuni; u
- proposta biex jinħolqu l-istat ta' "l-aktar reġjun favorit" għal dawk ir-reġjuni li jkollhom livell għoli ta' koeżjoni soċjali u ta' impjiegi, u f'daqqa waħda dawn jtilfu l-ħiliet minħabba li l-kumpanniji jtilqu lejn post ieħor, mingħajr ma jkollhom l-ebda ħidmiet ekonomiċi alternattivi biex iżommu livelli ta' impjeg lokali; dawn ir-reġjuni jistgħu jirċievu appoġġ finanzjarju, bl-għan speċifiku li jiġġeneraw l-istruttura ekonomika lokali.

- **Kuntatt:** *Is-Sur Miguel Colera*

(Tel. : 00 32 2 546 96 29 – e-mail : josemiguel.colerarodriguez@esc.eu.int)

2. IMMANIĠĠJAR TAT-TERRITORJU U ŻVILUPP RURALI

- ***Iż-żoni metropolitani: implikazzjonijiet soċjo-ekonomiċi għall-futur ta' l-Ewropa***

- **Rapporteur** : Is-Sur van IERSEL (Rappresentanti ta' Min Iħaddem – NL)
- **Referenzi** : Opinjoni fuq inizjattiva tiegħu stess – KESE
- **Punti Ewlenin** :

Il- KESE jenfasizza li huwa fl-interess ta' l-Unjoni li:

- iż-żoni metropolitan ta-25 pajjiż ta' l-Unjoni jkunu definiti,
- li ġabra ta' bażijiet ta' data rilevanti tkun magħmula kull sena fit-territorji tagħha, notevolment il-bażijiet ta' data ta' l-Investigazzjonijiet Ewropej dwar il-Forzi tax-xogħol,
- li l-indikaturi prinċipali ta' l-Istrateġija ta' Lisbona jkunu evalwati għat-territorji
- li jkunu iddentifikati fit-territorji il-clusters ta' valur għoli miżjud, li regolarment rapport li jippreżenta s-sitwazzjoni soċjo-ekonomika taż-żoni metropolitan u l-pożizzjoni tagħhom skond l-indikaturi ta' Lisbona jkun preżentat mill-Kummissjoni.

Il-produzzjoni ta' dawn l-informazzjonijiet u t-tpoġġija għad-dispozzjoni tagħhom għal kulħadd għandhom jkollhom dawn il-konsegwenzi produttivi li ġejjin :

- jikkontribwixxu għall-għarfien taż-żoni metropolitan u għaż-żieda tat-tagħrif dwar ir-realtà soċjali, ekonomika u ambjentali,
- jiffaċilitaw l-evalwazzjoni ta-l-vantaġġi u tad-dgħjufijiet ta' dawn it-territorji fuq skala Ewropea,
- itejbu d-definizzjoni u tħaddim ta-l-policies Ewropej kif ukoll nazzjonali, notevolment it-tħaddim ta' l-Istrateġija ta' Lisbona, billi jadottawhom għall-karatteristiċi partikulari tat-territorji,
- jagħtu lill-gvernijiet regionali u lokali evalwazzjoni ta-l-pożizzjoni kompetittiva tat-territorji tagħhom fuq skala Ewropea, evalwazzjoni li illum hija nieqsa jew li qed issir bi prezz għoli fuq bażijiet inċerti,
- isaħħu d-dibattitu dwar il-politika regionali Ewropea billi jiffaċilitaw id-djalogu bejn il-partijiet kollha involuti fuq bażijiet objettivi,
- jagħtu lis-settur privat l-informazzjonijiet utili għad-definizzjoni ta' l-Istrateġija ta' l-intrapriżi.

Il-KESE jikkalkula indispensabbli l-kreazzjoni ta' ċellula "Żoni metropolitan" fi ħdan l-Ewrostat inkarigata li tipproduċi kull sena l-bażijiet ta' data msemmija hawn fuq.

Il-KESE jispera li l-Istituzzjonijiet Ewropej jaqsmu l-orjentazzjonijiet ippreżentati f'din l-opinjoni. Għalhekk il-KESE jikkalkula xieraq li fl-istess ħin jiġi kkreat *forum* li jiġbor fih iż-żoni metropolitan u l-Kummissjoni, ħalli l-preżentazzjoni tas-sitwazzjoni ta' dawn iż-żoni tidher fuq l-aġenda formali ta-l-Kunsill Kompetittiv u ta-l-Kunsill informali dwar l-Immaniġġar tat-Territorju u ta-l-kwistjonijiet urbani.

- **Kuntatt** : *Is-Sur Alberto Allende*

• **Żvilupp Rurali : is-Segwitu tal-Konferenza ta' Strasbourg**

– **Rapporteur** : Is-Sur BROS (Attivitajiet Differenti – FR)

– **Referenzi** : Opinjoni b'Inizjattiva tiegħu stess - LESE

– **Punti ewlenin** :

Il-

Kumitat ippropona li jeżamina, fil-qafas ta' l-opinjoni ta' inizjattiva, il-koerenza bejn il-politika reġjonali futura u l-politika ta' żvilupp rurali futura sabiex jiġu limitati "ż-żoni griżi", sabiex il-proposta tat-tliet assi futuri li jiffurmaw il-politika ta' żvilupp rurali tiġi approfondita u biex jinstabu l-elementi ta' simplifikazzjoni amministrattiva.

Fid-dawl ta' l-evoluzzjoni tal-prinċipji li jmexxu l-politika strutturali, jiġifieri l-appoġġ tat-tkabbir u l-iżvilupp li jtul, il-Kumitat jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex ifakkru, fil-qafas tal-kożjoni territorjali, li l-iżvilupp tat-territorji rurali għandu jibqa' wieħed mill-għanijiet prioritarji tal-politika reġjonali. Barra minn hekk, il-problematiċi tal-ħolqien tax-xogħol, tat-tagħlim kontinwu u ta' l-aċċess għal teknoloġiji ta' informazzjoni ġodda fil-qasam rurali għandhom isibu r-risposti tagħhom f'din il-politika. Fid-dawl ta' dawn l-iżviluppi, il-Kumitat jisħaq li t-tieni pilastru tal-PAK għandu jkollu bħala għan ewlieni l-appoġġ ta' l-agrikoltura fl-adattament tagħha biex tirrispondi għall-evoluzzjonijiet strutturali ta' l-istennija taċ-ċittadini.. Dan jgħodd ukoll għall-politika ta' żvilupp rurali. Fil-fatt, l-unika rizzorsa "supplementari" għal din il-politika tkun l-applikazzjoni tal-modulazzjoni. Li tippermetti biss transfer finanzjarju bejn l-ewwel u t-tieni pilastru tal-PAK. Hu għalhekk li l-Kumitat bħalissa jitolb lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew biex jagħtu l-mezzi finanzjarji adegwati għal din il-politika li tinsab fil-periklu li titlef is-sustanza tagħha. Fl-aħħar, il-politika ta' żvilupp rurali futura se titwettaq minn Kummissjoni għida li se tinkludi 25 Kummissarju. Ġestjoni ta' żewġ pilastri tal-PAK minn Kummissarji distinti tirrappreżenta riskji ta' telf ta' koerenza serju bejn dawn iż-żewġ policies. Il-Kumitat jixtieq jisħaq dwar l-oppożizzjoni tiegħu għal kull volontà li jitħaddmu żewġ Direzzjonijiet ġenerali distinti u għall-ħatra ta' Kummissarju differenti għall-kwistjonijiet agrikoli u ta' l-iżvilupp rurali. Il-Kumitat jixtieq ifakkar li l-aspetti multifunzjonali tal-produzzjoni agrikola jaħdmu, taħt diversi aspetti, għal manteniment ta' kampanja viventi. Il-Kummissjoni u l-Kunsill għandhom ifakkru dan qabel

kull orjentazzjoni għda tal-politika ta' żvilupp rurali. Il-Kumitat jisħaq li l-iskambji ta' esperjenzi u t-trasferiment tal-metodoloġiji għandhom jikkupaw post partikolari.

Għalhekk il-Kumitat jaqbel li l-assi "għajjuna għall-investimenti fl-affarijiet agrikoli", fil-qafas ta' politika ta' żvilupp rurali, dejjem għandu jkun imsaħħaħ.

Is-simplifikazzjoni tal-programm twassal sabiex ma jkunx hemm aktar minn fond wieħed li jħaddem l-azzjonijiet rilevanti mill-politika ta' żvilupp rurali. Madankollu, l-Kumitat jisħaq li l-modalitajiet ta' ġestjoni ta' dan il-fond uniku għandhom ikunu koerenti ma' daww applikati mill-fondi strutturali. Il-Kumitat jisħaq dwar il-fatt li l-inizjattiva Leader għandha tkompli takkumpanja l-inizjattivi lokali filwaqt li tesplora toroq ġodda ta' żvilupp għaż-żoni rurali.

– *Kuntatt (Tel. : 00 32 546 94 54 – e-mail : eleonora.dinicolantonio@esc.eu.int)*

3. IMPJIEGI U DRITTIJIET SOĊJALI

- ***Ħarsien soċjali : xogħol li jrendi***

– ***Rapporteuse*** : Ms St Hill (Employeurs – UK)

– ***Referenzi*** : COM(2003) 842 final – 2003/0307 COD – CESE

– ***Punti ewlenin*** :

Il-Kumitat isejjaħ biex ikun hemm konverġenza fl-isforzi ta' l-Istati Membri biex il-ħlas tax-xogħol isir billi l-impjeg isir verament għażla ta' attirazzjoni ekonomika għall-qgħad jew il-benefiċċji. Dan billi jintlaqtu l-ħafna ostakli li jeżistu bħalissa għall-ħlas tax-xogħol. Il-politika lokali jeħtieġ tagħraf u tevita li tmexxi 'l quddiem l-iskambji l-aktar fil-ħiliet ta' daww il-ħaddiema li huma lanqas imħallsa jew bl-aktar ħiliet baxxi biex ikun evitat il-faqar b'xogħol iddikjarat u leġittimu. Għalhekk, il-punt ewlieni li qed jiffaċċjaw l-Istati Membri biex isir il-ħlas tax-xogħol huwa t-fassil ta' livell komuni u raġonevoli ta' appoġġ ta' impjegji 'l ġewwa u 'l barra li jkun jista' jżomm l-inċentivi tan-nies għall-ġibda lejn is-suq tax-xogħol. Il-Kumitat għaraf bejn il-kontribuzzjonijiet ta' politika ta' qligħ mgħaġġel biex tipprovdli benefiċċji qosra iżda li jintemmu għal daww il-persuni bl-iktar ħiliet baxxi, u l-investimenti fil-kapital uman li huma għal perjodu itwal li huma l-muftieħ għall-ħlas tax-xogħol, l-aktar għal daww li

huma l-aktar vulnerabbli, fit-terminu twil u sostenibbli ta' żmien. Il-Kumitat jenfasizza l-għan sostanzjali għall-kontribuzzjoni tad-ditti privati u min ħaddem biex dawn jilhqg l-għanijiet Ewropej tax-xogħol. Għandu jsir sforz biex tkun identifikata politika ta' domanda possibbli li tkun tista' tolgot l-imbiba li qed tinbidel ta' min iħaddem b'tali mod li jitmexxew 'il quddiem l-għanijiet tal-laqgħa ta' Lisbona, li fl-Ewropa kollha jkun hemm aktar xogħol sostenibbli u ta' kwalità.

Barra milli tiġi mgħejjuna l-prattika tajba, għandhom ikunu infurzati sanzjonijiet fuq imbiba mhux xierqa minn min iħaddem, liema mgħiba tkun tinkludi diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' sess, razza, orjentazzjoni sesswali, reliġjon jew età. Dan biex ikunu appoġġjati l-innovazzjoni, il-provvista miżjuda tax-xogħol kif ukoll il-possibilità ta' ħajjiet itwal ta' xogħol fl-ekonomiji ta' l-Ewropa. Għalhekk, fl-Istati Membri jeħtieġ li tiġi applikata serje ta' strumenti u u skemi ta' benefiċċji. Din għandha tkun imsaħħa b'koordinazzjoni nazzjonali sħiħa li tkun tibbilanċja l-istrumenti tal-provvista u d-domanda tax-xogħol. L-effetti magħquda tal-benefiċċji jew tal-livelli tat-taxxa fuq id-dħul fuq daww kollha li jgħixu fid-dar għandhom jiġu bbilanċjati u antiċipati sew, waqt li tingħata attenzjoni speċjali għall-istrutturi ta' inċentivi li dawn joħolqu għal familji f'qar. Miżuri oħrajn, bħad-dispozzjoni tal-ħarsien tat-tfal, sigħat ta' xogħol li jkun flessibbli, is-sigurtà tax-xogħol, il-mobbiltà ta' l-impjegji u l-opportunitajiet ta' taħriġ tqiesu bħala importanti ħafna għal qafas ta' politika komprensiva għal xogħol li jrendi.

– **Kuntatt :** *Is-Sur Alan Hick*

(Tel.: 00 32 2 546 93 02 – e-mail : alan.hick@esc.eu.int)

• ***Reviżjoni tad-Direttiva 93/104 dwar l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol***

– **Rapporteur :** Is-Sur HAHR (Grupp ta' Min Iħaddem – SE)

– **Referenzi :** COM(2003) 843 final – CESE

– **Punti ewlenin :**

Is-suġġett tal-Komunikazzjoni hi d-Direttiva 93/104/KE tat-23 ta' Novembru 1993, kif emendata mid-Direttiva 2000/34/KE, li tistipula l-ħtiġijiet minimi fir-rigward ta' l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol b'mod li jkun assigurat livell aħjar ta' sigurtà u ħarsien tas-saħħa tal-ħaddiema.

Il-Kumitat:

- jikkunsidra l-metodu ta' konsultazzjoni użat mill-Kummissjoni bħala inadegwat, minħabba li din il-materja hi suġġetta għal negozjar kollettiv fuq livell nazzjonali. Il-Kummissjoni missa l-ewwel

ikkonsultat l-imsieħba soċjali qabel ma tibda l-proċedura ta' konsultazzjoni ma' istituzzjonijiet Ewropej, il-KESE u l-Kumitat tar-Reġjuni.

- li għandha ssir analiżi tal-mod ta' kif din ġiet implimentata fil-leġislazzjoni ta' l-Istati Membri u l-impatt li din kellha;
- iħoss, li peress li d-dispożizzjonijiet preżenti jippermettu l-estensjoni tal-perjodu ta' referenza fi ftehim kollettiv, li l-imsieħba soċjali jkollhom l-flessibilità li jadattaw il-ħin tax-xogħol skond is-sitwazzjonijiet differenti minħabba li *perjodu ta' referenza* ta' 12-il xahar diġà jinstab f'diversi ftehim kollettiv f'numru ta' Stati Membri;
- jinnota li s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar id-definizzjoni tal-ħin tax-xogħol jistgħu jagħtu lok għal xi problemi iżda fiċ-ċirkostanzi preżenti, il-Kumitat ma jixtieqx jirrakkomanda xi soluzzjoni partikolari mressqa mill-Kummissjoni;
- m'għandux l-intenzjoni li jieħu pożizzjoni fuq id-deroga f' dan l-istadju. Analiżi aktar profonda li tinvolvi l-imsieħba soċjali hi meħtieġa qabel ma tista' tittieħed din il-pożizzjoni.
- Jiġbed l-attenzjoni fuq id-diffikultajiet partikolari li jiltaqgħu magħhom il-ġenituri biex jgħaqqdu flimkien il-ħajja tax-xogħol u responsabilitajiet familjari.

– **Kuntatt :** *Is-Sur Torben Bach Nielsen*
(Tel. : 00 2 546 96 19 – e-mail : torben.bachnielsen@esc.eu.int)

4. SUO INTERN U L-OQSMA EKONOMIĊI, FINANZJARJI U FISKALI

- ***Programm Multi-annwali SMEs***

– ***Rapporteur :*** Is-Sur DIMITRIADIS (Grupp ta' Min Iħaddem– EL)

– ***Referenzi :*** COM(2003) 758 final – 2003/0292 COD – CESE

– ***Punti ewlenin :***

Il-KESE jaqbel ma' l-emendi għad-Deċizzjoni 2000/819/KE proposti mill-Kummissjoni.

Il-KESE jqis 'il-Faċilità tal-Garanzija ta' l-SME bħala partikolarment utli u jsejjaħ biex dawn il-fondi jiżdiedu b'mod sustanzjali u biex isir kull sforz biex jiġu inklużi direttament dawk il-pajjiżi li s'issa ġew esklużi (il-Greċja, l-Irlanda u l-Lussemburgu). Il-KESE jappoġġa l-isforzi biex il-Faċilità tal-Garanzija tiġi estiża bl-iskop ta' l-adeżjoni ta' l-Istati Membri l-ġodda, li fihom eluf ta' SMEs li m' għandhomx aċċess għal self mill-banek u għalhekk ma jistgħx jinvestu b'mod effettiv u jgħolqu impiegi ġodda.

Il-KESE jagħmel sejħa lill-Kummissjoni biex tieħu l-passi meħtieġa biex tkompli ttejjeb il-Faċilità ta' l-ETF *Start-up*, minħabba li hija strument essenzjali għall-ħolqien ta' SMEs innovattivi u l-appoġġ ta' intrapriżi ta' negozju b'riskju għoli.

Il-Kumitat isejjaħ għall-finanzjament aktar tal-bżonnijiet ta' SMEs fis-setturi ta' l-informazzjoni, teknoloġiji ġodda u l-bioteknoloġiji. -KESE jemmen li wara l-esperjenza diġà miksuba mas-Sixth Framework Programme għar-Riċerka u Żvilupp Teknoloġiku għandhom jerġgħu jiġu introdotti programmi fuq skala żgħira għall-SMEs.

Il-KESE jaqbel mal-proposta tal-Kummissjoni li ttejjem il-JEV kmieni, filwaqt li tiftakar l-istruttura tagħha li bħalissa hija kkritikata. Iżda, il-KESE jixtieq jenfasizza illi huwa jkompli wkoll jappoġġja intrapriżi konġunti transnazzjonali.

- **Kuntatt :** *Is-Sinjorina Aleksandra Klenke*
(Tel.: 32 2 546 98 99 – e-mail : aleksandra.klenke@esc.eu.int)

- ***Pagamenti fis-suq Intern***

- **Rapporteur :** M. RAVOET (Employeurs – BE)

- **Referenzi :** COM(2003) 718 final – CESE

- **Punti ewlenin :**

Il-Kumitat jappoġġja l-għan tal-Kummissjoni Ewropea li trid iżżid il-fiduċja tal-konsumatur, iċ-ċertezza legali u l-eficjenza tas-suq tal-pagamenti fis-Suq Intern. Hu jkompli billi jilqa' bi pjaċir il-fatt li l-awtoregolazzjoni u l-ko-regolazzjoni huma kkunsidrati bħal mezzi possibbli li permezz tagħhom wieħed jista' jimxi 'l quddiem f' bosta mill-oqsma msemmija f' 21 anness.

Huwa ċar li jekk miżuri ta' awtoregolazzjoni ma jkunux taw xiedha ta' suċċess, Regolazzjoni Ewropea għandha tkun ikkunsidrata.

Il-Kumitat jissuġġerixxi li l-istruttura kollha għandha tikkonċentra biex tipprovdi trasparenza lill-konsumaturi u li tkun konformi ma' l-istrateġija Ewropea fil-qasam tal-ħarsien tal-konsumaturi.

- **Kuntatt:** *Is-Sinjorina Aleksandra Klenke*
(Tel.: 32 2 546 98 99 – e-mail : aleksandra.klenke@esc.eu.int)

- ***Tassazzjoni fuq dividendi ta' individwi***

- **Rapporteur** : Is-Sur RETUREAU (Haddiema – FR)
- **Referenzi**: COM(2003) 810 final – CESE

Punti ewlenin

Il-Kumitat jikkalkula li t-trattament ta' tassazzjoni doppja u tat-tassazzjoni tad-dħul individwali fis-sors li jikkonċernaw d-dividendi domestiċi u d-dividendi deklin jew ħerġin minn barra bi ħsieb li jkun qed jassiguralhom trattament mhux diskriminatorju, jikkostitwixxi għan importanti mingħajr ma jfisser li titfa' dubju fuq il-prinċipju fundamentali ta' l-ugwaljanza tal-persuni fiżiċi quddiem it-taxxi pubbliċi fil-livell nazzjonali. L-Istati membri jistgħu wkoll jikkonsidraw kooperazzjonijiet bejn il-pajjiżi li għandhom prattiċi fiskali simili, biex ikunu studjati l-aqwa prattiċi fiskali.

Il-Kumitat jikkalkula finalment li l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tiftaħ perspettiva sabiex ikunu solvuti l-problemi li huma s-suġġett ta' ħafna riferimenti għall-Qorti tal-Ġustizzja, hu jirrikomanda li dawn ikunu evitati fil-futur, sabiex jevitaw li l-Qorti tkun mgħobbija żżejjed b'rikorsi f'dan il-qasam.

- **Kuntatt** : *Sinjorina Borbála Szij*
(Tel.: 00 32 2 546 92 54 – e-mail : borbala.szij@esc.eu.int)

- **Proċeduri ta' konsultazzjoni – Krediti finanzjarji**

- **Rapporteur** : M. FRANK von FÜRSTENWERTH (Employeurs – DE)

- **Referenzi** : COM(2004) 159 final – 2004/0056 CNS – CESE

- **Kuntatt** : *Sinjorina Aleksandra Klenke*
(Tel.: 32 2 546 98 99 – e-mail : aleksandra.klenke@esc.eu.int)

5. RELAZZJONIJIET MAL-PAJJIŻI KANDIDATI GĦAS-SĦUBIJA

- ***Ir-relazzjonijiet bejn l-UE u t-Turkija qabel il-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2004***

- **Rapporteur** : Is-Sur ETTY (Impjegati – NL)
- **Referenza** : Opinjoni fuq Inizjattiva tiegħu stess – CESE
- **Punti ewlenin** :

F'din l-Opinjoni, il-KESE ppreżenta l-pożizzjoni tiegħu dwar ir-relazzjonijiet bejn l-UE u t-Turkija fil-perspettiva tad-decizzjoni tas-Summit Ewropew ta' Diċembru 2004 li għandu jieħu decizzjoni dwar il-possibilità li tkun stipulata data għall-ftuħ tan-negozjati għas-sħubija mat-Turkija.

Il-KESE jfakkar li t-Turkija wriet, għal diversi għexieren ta' snin, li mingħajr dubju, iddeċidiet li ddu lejn l-Ewropa.

Il-KESE nnota li r-riżultati tal-proċess ta' riforma fit-Turkija kienu partikolarment impressjonanti f'dawn l-aħħar sentejn jew tlieta.

It-Turkija m'għandiex biss tilħaq listess kriterji politiċi bħall-kandidati membri l-oħra qabel ma jistgħu jinfetħu n-negozjati; ir-rendiment tagħha fil-proċess ta' riforma għandu jitkejjel bl-istess kriterji wżati fil-pajjiżi kandidati l-oħra. Irid isir kull sforz min-naħa ta' l-UE biex jiġi evitat saħansitra s-suġġeriment li qed jintużaw kriterji doppji.

Il-KESE jikkunsidra li dak li l-UE tista' u għanda fir-realtà titlob mit-Turkija hu li progress kredibbli bħal dak ikun sar sal-aħħar ta' l-2004 sabiex wieħed ikun jista' jistenna li "punt li minnu m'hemmx ritorn lura" ikun ġie maqbuż sa dak iż-żmien

Fl-opinjoni tal-KESE għandha tittieħed de ċiżjoni pożittiva dwar il-ftuħ tan-negozjati dwar l-isħubija tat-Turkija jekk sa Diċembru li ġej il-Gvern tat-Turkija jkun

- ħa miżuri biex jissodisfa t-talbiet dwar ir-rwol ta' l-armata fis-soċjetà Torca (l-armata għandha tillimita ruħha għal funzjoni bażika tagħha tad-difiża u s-sigurtà;
 - wriet, b'miżuri konkreti, determinazzjoni biex iwettaq bis-sħiħ fil-prattika ir-riformi legali dwar id-drittijiet kulturali tal-Kurdi fil-provinċji tax-Xlokk tal-pajjiż
 - bdiet timplimenta fil-prattika l-intenzjonijiet imfissra u l-irbit magħmul fir-rigward tar-ritorn volontarju, r-rijabilitazzjoni u l-għoti tal-kumpens lill-vittmi dispjazzati b'konsegwenza tal-vjolenza tas-snin tmenin u disgħin;
 - aderiet kompletament, kemm fil-liġi kif ukoll fil-prattika, mal-Konvenzjonijiet ta' l-ILO dwar id-drittijiet bażiċi u libertajiet tat-trejd unions
 - nadfet il-Liġi dwar l-Assoċjazzjonijiet minn kull tniġġis anti-demokratiku u jkun waqaf fil-prattika milli jimponi restrizzjonijiet fuq it-tħaddim liberu ta' l-organizzazzjonijiet ġenwini tas-soċjetà ċivili inklużi fondazzjonijiet reliġjużi, u
 - nisslet il-kondizzjonijiet għat-tħaddim ħieles u indipendenti tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali tat-Turkija, kif ukoll l-bażi għal koperazzjoni xierqa u kostruttiva ma' dan il-Kunsill.
- **Kuntatt :** *Is-Sur. Jacques Kemp*
(Tel.: 00 32 2 546 98 10 – e-mail : jacques.kemp@esc.eu.int)

6. POLITIKA INDUSTRIJALI U SETTORJALI

• *Industrija tat-tessuti*

- **Rapporteur** : Is-Sur PEZZINI (Grupp ta' Min Ihaddem – IT)
- **Corapporteur** : Is-Sur NOLLET (Impjegati – BE)

- **Referenzi** : COM(2003) 649 final – CESE

- **Punti ewlenin** :

Jidher importanti li l-Kummissjoni, bl-għajnuna ta' l-Istati u l-insieħba soċjali jirnexxihom jgħinu lis-settur tat-tessuti u l-ħwejjeġ biex jevolvi teknikament u jiffaċċja l-isfidi tal-globalizzazzjoni. B'żieda mal-pjattaformi teknoloġiċi diġà stabbiliti bil-politika tal-Komunità¹ tista' tiġi ravvizata f-raba' pjattaforma, dedikata lill-aspetti innovattivi ħafna tad-disinn modern tat-tessuti.

Il-kapaċità innovattiva trid tiżdied – partikolarment fejn jidħlu l-SMEs – permezz ta' proġetti u programmi miftieħma f'livell lokali, bil-kontribuzzjoni ta' l-insieħba soċjali kollha u l-involvement taċ-ċentri ta' rikerka. L-Ewropa għandha kulleġġi tat-tessuti b'esperjenza twila. Ikun estremament utli li jiffassal *network* ta' eċċellenza b'konnessjonijiet mill-qrib ma' l-intrapriżi u s-suq tax-xogħol li jkun jista' jieħu vantaġġ mill-opportunitajiet mogħtija mis-Sixth Framework Programme u timplimenta programm ta' previżjoni tekniku biex jipromwovi l-iżvilupp tekniku fis-settur.

Il-KESE jemmen li għandu jintuża l-piż sħiħ tal-viżjoni Ewropea ta' "ekonomija tas-suq soċjali" biex jitbiddlu r-regoli tal-WTO. Għandhom ikunu imposti numru ta' prioritajiet soċjali, ambjentali u ekonomiċi mingħajr dewmien, meta jitqies li l-UE, bħala entità li tieħu seħem fl-ekonomija globali, tista' ttejjeb l-effiċjenza tal-*governance* mondajli.

Tarifi tad-dwana preferenzjali għandhom jiġu applikati biss lill-49 pajjiż l-anqas żviluppati. In-negożjati mibdija f'Doha għandhom iwasslu għal aktar reċiproċità bejn iż-żona Pan-Ewro-Mediterranja u l-pajjiżi ta' l-Ażja.

Il-Kumitat jappoġġa l-isforzi tal-Kummissjoni li ssaħħaħ l-effiċakja ta' l-istrumenti ta' difiża kummerċjali. Il-kontrolli doganali fil-fruntiera ta' l-Unjoni għandhom jissaħħu bil-possibilità li tkun ikkunsidrata ta' sistema doganali komuni.

Bħala parti mill-ġlieda kontra l-frodi u l-prodotti foloz u biex il-konsumatur ikun aktar infurmat, hu ferm importanti li tintuża etiketta ta' orġini. Il-KESE jaqbel mal-proposta li tkun eleaborata strateġija li tippermetta t-traċċabilità tat-tessuti.

¹ Aerospazju, komunikazzjoni u azzar.

- **Kuntatt:** *Is-Sinjorina Aleksandra Klenke*
(Tel.: 32 2 546 98 99 – e-mail : aleksandra.klenke@esc.eu.int)

- ***Bini tal-Vapuri***

- **Rapporteur :** Is-Sur. van IERSEL (Grupp ta' Min Iħaddem – NL)
- **Referenzi :** COM(2003) 717 final – CESE
- **Punti ewlenin**

LeaderSHIP 2015 jibda billi jiffissa r-rettezza bħala l-objettiv tiegħu fit-tħaddim tar-regoli fuq livell mondjali. Il-KESE jenfasizza l-importanza ta' l-avviċinament attwali ta' l-UE dwar il-politika industrijali, li timmira biex jitwaqqaf ftehim internazzjonali effiċjenti li jiggarrantixxi dixxiplina stretta fid-dinja kollha.

Ir-*R&S* u l-innovazzjoni huma ta' importanza kruċjali.. Dan huwa għalhekk fattur ieħor essenzjali għas-suċċess..

Il-KESE hu tal-fehma li l-fondi Ewropej ta' garanzija proposti fil-programm *LeaderSHIP* għandhom ikunu mħaddma mill-aktar fis possibbli

KESE jilqa' b'mod favorevoli l-ftehim bejn l-industrija u l-Kummissjoni dwar it-tip ta' esiġenzi u ta' politiċi ambjentali meħtieġa fis-settur.

F'dak li għandu x'jaqsam mat-trasport marittimu, l-applikazzjoni tan-normi ta' sigurtà mħaddma bħalissa għadha l-punt l-aktar debboli ta' l-UE.

It-tisħiħ tat-trasport marittimu għal distanza qasira u c-ċaqliq ta' traffiku stradali lejn il-baħar huma wkoll objettivi ambjentali importanti. Biex jiġu milħuqa, hemm raġunijiet serji li għalihom għandha tkun imtejba l-infrastruttura moderna, li tinkludi l-portijiet u l-bastimenti.

Il-fattur uman huwa element essenzjali u l-KESE jilqa' l-intensifikazzjoni maħsuba tad-djalogu settorjali, li fi ħdanu l-Kummissjoni, dawk li jħaddmu, u t-*trade unions* għandhom sehem x'jagħtu.

Il-KESE jinsab sodisfatt bil-konsiderazzjoni kbira li qed tingħata fl-Ewropa lil segmenti speċifiċi ta' l-industrija tal-manifattura thalma huma l-bini tal-vapuri u l-aeronawtika fl-istruttura ta' l-objettivi ta' difiża, u ta' l-interazzjoni bejn l-industrija ċivili u militari.

- **Kuntatt :** *Is-Sur João Pereira dos Santos*

7. ENERĠIJA – PRODUZZJONI U KONSUM

- ***L-enerġija nukleari***

- **Rapporteur** : Is-Sur WOLF (Attivitajiet Differenti – DE)

- **Referenzi** : Opinjoni fuq Inizjattiva tiegħu stess – CESE

- **Punti ewlenin** :

Il-Kumitat jemmen li, fuq medda twila, l-użu paċifiku ta' l-enerġija tal-fużjoni għandha l-potenzjal għal parti importanti ħafna biex issolvi kwistjonijiet ta' provvista ta' enerġija b'mod sostenibbli, li jagħmel sens ambjentali u kompetittiv.

Dan huwa dovut għall-vantaġġi potenzjali ta' din it-teknoloġija fil-futur.

Hemm provvista infinita ta' deuterium u lithium bħala riżorsi ta' *fuel* għall-futur prevedibbli. Mhemmx ġenerazzjoni ta' gassijiet li jikkawżaw "taqlib klimatiku", ta' prodotti tal-fissjoni jew ta' *actinides*.

Il-karatteristiċi intrinseci ta' sigurtà jipprevjenu l-ħruġ ta' enerġija bla kontroll.

Ir-radjuattività tal-*combustion chamber* tista' tinsel sar-radjutossiċità ta' l-irmied tal-faħam f'perjodu ta' bejn mija, u, l-iktar, diversi mijiet ta' snin; dan jirriżolvi sostanzjalment il-kwistjoni tal-ħażna finali.

Il-potenzjal ta' l-enerġija tal-fużjoni tikkomplimenta partikolarment dak tas-sorsi li jiġġeddu – iżda bil-vantaġġ fuq l-enerġija mir-riħ u solari li hija ma tiddependix fuq it-temp, l-istaġuni jew il-ħin tal-ġurnata. Dan jgħodd ukoll għar-relazzjoni – aggrugata skond il-ħtiġijiet attwali – bejn sistemi ċentralizzati u deċentralizzati.

Il-Kumitat jagħti wkoll appoġġ sħiħ għal żieda fl-appoġġ għall-R&D għall-enerġija nukleari. Għall-industrija Ewropea, il-bini ta' ITER u l-iżvilupp ta' DEMO se jsaħħu l-ekonomija b'mod enormi u jżidu l-għarfien u l-inovazzjoni f'qasam teknoloġiku li għandu bosta ħtiġijiet. Dan hu ta' importanza kruċjali għall-implimentazzjoni ta' l-istrateġiji ta' Lisbona u Goteborg.

I l-Kumitat jappoġġ fermament id-deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew tal-25 u 26 ta' Marzu 2004 fejn jirriaferma l-appoġġ unanimu għall-proposta Ewropea u jsejjaħ lill-Kummissjoni biex "tmexxi negozjati dwar il-proġett ITER bl-għan tal-bidu rapidu tiegħu fis-sit kandidat Ewropew".

- **Kuntatt:** *Is-Sur Siegfried Jantscher*

(Tel.: 00 32 2 546 82 87– e-mail: siegfried.jantscher@esc.eu.int)–

- ***Konnessjonijiet elettriċi - Slovenja***

- **Rapporteur** : Is-Sur SIMONS (Grupp ta' Min Iħaddem – NL)

- **Referenzi** : COM(2004) 309 final – 2004/0109 COD – CESE

- **Kuntatt** : *Is-Sur Siegfried Jantscher*

- (Tel. : 00 32 2 546 82 87– e-mail : siegfried.jantscher@esc.eu.int)*

8. POLITIKA SPAZJALI U TAT-TELEKOMUNIKAZZJONI

- ***Stat tal-Progress/GALILEO***

- **Rapporteur** : Is-Sur BUFFETAUT (Grupp ta' Min Iħaddem – FR)

- **Referenzi** : COM(2003) 112 final – CESE

- **Kuntatt**: *Is-Surr Raffaele Del Fiore*

- (Tel. : 00 32 2 546 97 94 – e-mail : raffaele.delfiore@esc.eu.int)*

9. TRASPORT – SIGURTA'

- ***Sigurtà tal-Portijiet***

- **Rapporteur** : Is-Sinjura BREDIMA (Grupp ta' Min Iħaddem – EL)

- **Referenzi** : COM(2004) 76 final – 2004/0031 COD – CESE

- **Kuntatt**: *Is-Sur. Luís Lobo*

- (Tél. : 00 32 2 546 9717 - e-mail : luis.lobo@esc.eu.int)*

- ***Liċenzji ta' l-intrapriżi ferrovjarji***

- **Rapporteur** : Is-Sur CHAGAS (Haddiema– PT)

- **Referenzi** : COM(2004) 232 final – 2004/0074 COD – CESE

- **Kuntatt** : *Is-Sur. Luís Lobo*

- (Tél. : 00 32 2 546 97 17 - e-mail : luis.lobo@esc.eu.int)*

- ***Kodiċi Internazzjonali / Sigurtà Marittima***

- **Rapporteur** : Is-Sinjura BREDIMA (Grupp ta' Min Iħaddem – EL)
- **Références** : COM(2003) 767 final – 2003/0291 COD – CESE
- **Contact** : *Is-Sur. Luís Lobo*
(Tél. : 00 32 2 546 97 17 – e-mail : luis.lobo@esc.eu.int)

10. POLITIKA DWAR L-IMMIGRAZZJONI

- ***Konvenzjoni Internazzjonali Dwar il-Ħaddiema Immigrati***

- **Rapporteur** : Is-Sur PARIZA CASTAÑOS (Haddiema – ES)
- **Referenzi** : Opinjoni fuq Inizjattiva tiegħu stess – CESE
- **Punti ewlenin** :

Skond l-opinjoni jiet li fformolat dwar il-politika ta' l-immigrazzjoni Ewropea u b' appoġġ ta' l-opinjoni tal-Parlament Ewropew, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ħeġġeġ lill-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea biex jirratifikaw il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar l-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Ħaddiema Immigrati Kollha u l-Membri tal-Familja tagħhom

Il-KESE propona lill-President tal-Kummissjoni u l-Presidenza kurrenti tal-Kunsill biex jiehd u l-inizjattivi politiċi meħtieġa biex jiżguraw li l-Istati Membri jirratifikaw din il-konvenzjoni fl-24 xahar li ġejjn u li l-UE tirratifikaha wkoll hekk kif il-Kostituzzjoni tagħtiha s-saħħa li tiffirma ftehim internazzjonali. Biex tiġi ffaċilitata r-ratifika, il-Kummissjoni għandha twettaq studju li janalizza l-leġislazzjoni nazzjonali u Komunitarja rigward il-konvenzjoni. Iktar minn hekk, l-insiehma soċjali u organizzazzjonijiet oħra tas-soċjeta' ċivili se jissiehu ma-KESE u l-Kummissjoni biex ħeġġu r-ratifikazzjoni.

- **Kuntatt** : *Is-Sur. Pierluigi Brombo*
(Tel.: 00 32 2 546 97 18 – e-mail : pierluigi.brombo@esc.eu.int)
-